**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 13 ta' Ottubru 2021**

**Avviz Numru: 380/2003 MLF**

**Michael Bianchi**

**vs**

**Robert Aquilina u**
**Leaders Limited**

Il-Qorti

1. Rat l-avviz tal-attur li permezz tieghu talab li, prevja d-dikjarazzjoni illi siltiet mill-ittra datata 19 ta' Gunju, 2003 (Dok X) li taghha l-konvenut Aquilina u/jew is-socjeta konvenuta huma l-awturi, huma libelluzi u malafamanti fil-konfront tal-attur, il-konvenuti jigu ikkundannati ihallsu lill-attur dik is-somma li tiffissa din il-Qorti ai termini tal-Art. 28 tal-Ligi Dwar l-iStampa (Kap. 248) bhala danni ghall-malafama.
   Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

2. Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

i. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ma jezistux ir-rekwiziti sabiex jigi ddikjarat li l-ittra datata 19 ta' Gunju 2003 hija libelluza skond il-Ligi dwar l-Istampa.
   Bl-ispejjez kontra l-attur.

3. Semghet ix-xhieda, rat id-dokument u l-atti kollha ipprezentati.

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u semghet it-trattazzjoni orali finali tal-avukati difensuri taghhom.

5. Rat li wara li din il-kawza kienet giet differita ghas-sentenza, gie promulgat u dahal fis-sehh l-Att XI tal-2018 dwar il-Midja u l-Malafama li abroga l-Att dwar l-Istampa, salv fir-rigward tal-kawzi pendenti ghas-sentenza quddiem il-Qorti fiz-zmien li thassar.[1]

**Il-Fatti**

6. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

i. L-attur, permezz tas-socjeta Airport Investments Limited, huwa wiehed mill-azzjonisti beneficcjarji f'socjeta (senjatament Malta Mediterranean Link Consortium Limited) li a sua volta hija azzjonista fis-socjeta Malta International Airport p.l.c. (iktar l-isfel imsejha l- "MIA"). Entita Awstrijaka kienet ukoll azzjonista fis-socjeta Malta Mediterranean Link Consortium Limited

ii. Fiz-zmien in kwistjoni, l-attur kien ukoll Konslu Generali tar-Repubblika tal-Awstrija f'Malta.

iii. Il-konvenut Robert Aquilina kien il-*managing director* tas-socjeta konvenuta Leaders Ltd., li sa mill-bidu tas-snin disghin kienet tbiegh prodotti ta' *skin care and cosmetics* minn hanut fid-*departure lounge* tal-ajruport internazzjonali ta' Malta.

[1] Ara Artikolu 25 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta.

iv. Il-perjodu tal-kuntratti individwali li bih il-hwienet kienu qed joperaw fl-ajruport internazzjonali ta' Malta kien se jiskadi fl-ewwel xhur tas-sena 2003. Mill-kumpless tal-provi jidher li l-MIA iddecidiet li ma tohrogx sejha pubblika ghall-offerti jew tender ghall-operazzjoni tal-hwient, izda tinnegozja mal-operaturi tal-hwienet gia ezistenti, fosthom mas-socjeta konvenuta, sabiex iggedded il-kuntratti, izda b'kundizzjonijiet, inkluzi dawk finanzjarji differenti. Dan jirrizulta mill-ittra li l-MIA baghtet lis-socjeta konvenuta fit-23 ta' Dicembru 2002.[2]

v. Fis-7 ta' Marzu 2003, kienet inzammet laqgha mac-*Chief Executive Officer* tal-MIA, li informa lis-socjeta konvenuta li terzi persuni kienu ghamlu offerti sabiex jiehdu l-hanut tas-socjeta konvenuta, u stiednet lis-socjeta konvenuta sabiex taghmel l-offerta taghha.

vi. L-offerta tas-socjeta konvenuta ma gietx accettata mill-MIA, u s-socjeta konvenuta saret taf li l-koncessjoni kienet ser tinghata lis-socjeta Franks Travel Retail Limited.

vii. Is-socjeta Franks Travel Retail Limited giet imwaqqfa nhar il-21 ta' Marzu 2003,[3] u cioe wara li s-socjeta MIA kienet baghtet l-ittra lis-socjeta konvenuta li biha infurmata li lesta li iggedded il-koncessjoni tal-hanut, jekk jintlahaq ftehim fuq kundizzjonijiet godda.

viii. Wiehed mid-diretturi tas-socjeta Franks Travel Retail Limited huwa Paul Apap Bologna, li jigi t-tifel ta' Patricia Apap Bologna. Patricia Apap Bologna tigi oht l-attur f'din il-kawza. Il-konvenuti jallegaw li Patricia Apap Bologna kienet ukoll azzjonista flimkien mal-attur Michael Bianchi fis-socjeta Airport Investments Limited, li *a sua volta* ghandha ishma u hija direttrici fis-socjeta Malta Mediterranean Link Consortium Limited, li fiz-zmien in kwistjoni kellha erbghin fil-mija (40%) ta' l-ishma fis-socjeta MIA – pero ma ressqu l-ebda provi dokumentarji fir-rigward.

---

[2] Ara fol. 226 tal-process.
[3] Ara fol. 45 tal-process.

ix. Il-konvenuti jallegaw ukoll li huma saru jafu li d-dhul minimu garantit illi kienet offriet is-socjeta Franks Travel Retail Limited kien ta' hamsa u disghin elf Lira Maltija (Lm95,000) fis-sena li huwa anqas mid-dhul minimu garantit illi offriet is-socjeta konvenuta fl-ammont ta' mija u tletin elf Lira Maltija (LM130,000) fis-sena.

x. Is-socjeta konvenuta ipprotestat ruhha bil-qawwa kollha minhabba l-mod li kienet qieghda tigi ttrattata u dana kemm permezz ta' proceduri gudizzjarji, kemm permezz tal-mezzi tax-xandir, rapprezentazzjonijiet mal-Gvern ta' Malta li dak iz-zmien kellu erbghin fil-mija (40%) tal-ishma tal-MIA, kif ukoll permezz ta' varji ittri lil diversi persuni li kellhom xi involvement fil-kwistjoni.

xi. Fost l-ittri li intbaghtu, hemm l-ittra mertu tal-kawza odjerna u cioe dik mibghuta lill-Ambaxxattur tal-Awstrija Dr. Alfons Kloss fid-19 ta' Gunju 2003,[4] u li l-Ambaxxattur baghtha lill-attur.

xii. Eventwalment, wara hrug ta' tender pubblika ohra, l-MIA regghet geddet il-koncessjoni tal-hanut lis-socjeta konvenuta.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*Kunsiderazzjonijiet Preliminari*

7. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, il-konvenuti issottomettew li huwa evidenti li kulma inkiteb u sar mill-konvenut Robert Aquilina kien qieghed isir f'isem is-socjeta konvenuta, u li ghalhekk, f'kull kaz, Robert Aquilina personalment tharrek ghal xejn. Din is-sottomissjoni tammonta ghal eccezzjoni ulterjuri, li giet sollevata meta l-istadju tal-provi kien maghluq, u minghajr il-permess ta' din il-Qorti.

[4] Ara fol. 2 *et seq.* tal-process.

8. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)[5] fil-25 ta' Frar 2004 fl-ismijiet: **Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Raymond Azzopardi** gie ritenut hekk:

« *Jinsab provvdut fl-Artikolu 728(1) tal-Kap. 12 illi l-eccezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu, jinghataw f'nota tal-eccezzjonijiet jew f'risposta skond il-kaz. Strettament ghalhekk l-eccezjonijiet li ma jinghatawx, skond kif hawn preskritt, ma jistghux jitqajmu la f'nota tal-osservazzjonijiet u lanqas fid-dibattitu orali ghaliex altrimenti l-Qorti ma tiddecidihomx (Ara Kollez. Vol. XXXIV p1 p410 u Vol. XXXVIII pII p583).*"[6]

9. Fil-kaz odjern, ma kien hemm l-ebda raguni - u l-konvenuti lanqas ipprovaw jiggustifikaw – ghalfejn din l-eccezzjoni ma gietx sollevata fir-risposta taghhom ghall-avviz promotur, izda ghazlu li jissollevawha fin-nota ta' sottomissjonijiet finali taghhom.

10. Fid-dawl tal-insenjament tal-gurisprudenza fuq kwotata, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' din l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti sollevata fi stadju inoltrat tal-proceduri, u senjatament fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, u dan minghajr il-permess ta' din il-Qorti.

*Il-Meritu*

11. L-attur istitwixxa dawn il-proceduri peress li hass ruhu malfamat fis-segwenti bran fl-ittra li inbaghtet lill-Ambaxxattur tal-Awstrija:

*"Now records of the Malta Financial Service Authority reveal that Franks Retail Company Limited was set up on the 21st. March 2003, which is subsequent to the date of our successfully concluded negotiations. Furthermore, the shareholders of said company include the son and nephew respectively of two shareholders of the Austria-*

[5] *Per* Imhallef Philip Sciberras.
[6] Ara wkoll fl-istess sens **Pace Associates Limited vs Drawing Techniques Limited** deciza fis-7 ta' Dicembru 2005 deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) (*per* Imhallef Philip Sciberras) u **Sunspot Tours Limited vs C.H. Caterers Limited** deciza fis-16 ta' Dicembru 2003, il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri).

*Maltese consortium that manages MIA plc today. Indeed the registered address of Franks Travel Retail is the same address as that of Mr Michael Bianchi, the Maltese shareholder and promoter of the consortium in Malta.*

*We raise the issue with you because we believe this to be a clear case of insider trading. The company owned by family members of the consortium shareholders only managed to bid on a closed deal and to improve upon the amount we had agreed to pay because of its privileged position."* (sottolinear tal-konvenuti).

12. Fl-affidavit tieghu,[7] l-attur jghid li hu ihossu immalfamat b'dan il-paragrafu ghaliex hu mhux direttur fis-socjeta Malta Mediterranean Link Limited u lanqas fil-MIA p.l.c. M'hemm l-ebda membru tal-familja tieghu fil-bord tad-diretturi tal-MIA, u hadd minnhom m'ghandu xi funzjoni ezekuttiva fl-istess, u ghalhekk m'ghandux x'jaqsam mat-tmexxija tal-operazzjonijiet tal-MIA. Inoltre:
    - Mhux minnu li l-indirizz tas-socjeta Franks Travel Retail Limited huwa l-istess bhal tieghu jew ta' xi wahda mill-kumpaniji tieghu;
    - L-azzjonijisti ta' Franks Travel Retail Limited dak iz-zmien kienu Associated Drugs Limited u Franks Stores Limited (u mhux in-neputi tal-attur), u hu m'ghandu l-ebda konnessjoni mas-socjeta Franks Travel Retail Limited jew mal-azzjonijisti taghha;
    - Is-socjeta Associated Drugs Limited hija socjeta formata minn circa erbghin (40) azzjonist, fosthom il-familja Apap Bologna. Oht l-attur, Patricia hija mizzewga lil Michael Apap Bologna, li hu l-*managing director*, ta' din is-socjeta. L-attur jghid li ohtu Patricia, la ghandha u qatt ma kellha ishma fis-socjeta Associated Drugs Limited, u lanqas hija direttur ta' din is-socjeta.
    - Paul Apap Bologna, iben Patricia, u allura n-neputi tal-attur, qatt ma kien socju ta' Franks Travel Retail Limited, izda wiehed miz-zewg diretturi taghha.

13. Fir-risposta ghall-avviz promotur, il-konvenuti jaghtu biss eccezzjoni generika li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u li ma jezistux ir-rekwiziti sabiex l-ittra in kwistjoni tigi dikjarata libelluza. Lejn l-ahhar tal-istadju tal-provi taghhom, u partikolarment fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, huma jissottomettu li l-MIA

[7] Ara fol. 35 *et seq.* tal-process.

ghamlet xi haga irregolari meta ma kienetx ser iggeddilhom il-koncessjoni biex ikomplu joperaw il-hanut taghhom fid-*departure lounge* u minflok kienu se jaghtu l-koncessjoni lis-socjeta Franks Travel Retail Limited u li l-ittra li baghtu lill-Ambaxxatur tal-Awstrija ma kinietx tirreferi ghall-attur, imma kienet qed tirreferi ghal Paul Apap Bologna.

14. Il-Qorti tibda billi tghid li taqbel mas-sottomissjoni tal-attur li mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tissindika jekk l-amministrazzjoni tal-MIA mxietx korrettement o meno fl-ghoti tal-hanut fl-ajruport, izda ghandha biss tikkonsidra u tiddeciedi jekk l-allegazzjonijiet li saru fl-ittra in kwistjoni humiex malafamanti fil-konfront tal-attur.

15. Biex tirnexxi azzjoni ta' libel, jehtieg li jissussistu tlett elementi:

(i) il-pubblikazzjoni;
(ii) l-identifikazzjoni;
(iii) id-defamazzjoni.

16. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, l-konvenuti mhux qed jikkontestaw li meta baghtu l-ittra in kwistjoni lill-Ambaxxatur tal-Awstrija kienet giet ippubblikata ai termini tal-ligi. Lanqas fil-verita qed jikkontestaw li jekk l-allegazzjonijiet li saru f'dik l-ittra jigu interpretati li saru fil-konfront tal-attur, dawk l-allegazzjonijiet huma malfamanti fil-konfront tieghu. Il-konvenut qed jikkontestaw it-tieni rekwizit necessarju fl-azzjoni ta' libell, u cioe l-identifikazzjoni, ghaliex kif diga inghad, huma jissottomettu li l-allegazzjonijiet li ghamlu fil-bran citat, ma kienux qed isiru fil-konfront ta' l-attur, izda fil-konfront tan-neputi tieghu Paul Apap Bologna, id-direttur ta' Frank Travel Retail Limited.

17. Ghalhekk, ir-rizoluzzjoni tal-vertenza odjerna tiddependi fuq x'interpretazzjoni l-qarrej ordinarju jattribwixxi lill-kliem fuq citat mill-ittra in kwistjoni fil-kuntest tieghu. Huwa pacifiku fid-dottrina u fil-kazistika tal-Qrati Maltin li b'"qarrej ordinarju" wiehed necessarjament jifhem dak li fid-duttrina Ingliza fuq is-suggett jissejjah *"right-thinking person"*. Appuntu persuna li ma toqghodx tissottilizza imma tifhem il-kliem fil-mod ordinarju kif jinftiehem. Fil-kuntest tal-kaz odjern, il-mistoqsija hija, meta qarrej ordinarju jaqra l-bran relevanti mill-ittra in kwistjoni, jifhem li l-allegazzjonijiet qed isiru fil-konfront tal-attur, jew li qed isiru fil-konfront ta' Paul Apap Bologna?

18. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, it-twegiba ghal din il-mistoqsija hi wahda ovvja. Persuna ta' intelligenza ordinarja, proprju minhabba l-mod kif inhuma koncepiti, tati lill-kliem oggezzjonat l-istess sinfikat li l-attur jattribwilhom, u cioe li l-attur qed jigi mixli *"with a clear case of insider trading"* ghaliex kien wiehed mill-*ultimate beneficial owners* tal-MIA, u li s-socjeta Franks Travel Retail Limited kienet *"in a privileged position"* fin-negozjati taghha mal-MIA a skapitu tas-socjeta konvenuta, ghaliex skond il-konvenuti wiehed mill-azzjonisti taghha – presubbilment riferenza indiretta ghal Paul Apap Bologna, li qatt ma jissemma b'ismu fl-ittra inkriminanti, u li fi kwalunkwe kaz mill-provi jirrizulta li kien direttur biss, u mhux ukoll azzjonista ta' Franks Travel Retail Limited – kien in-neputi tal-attur, u iben oht l-attur, u l-attur kien azzjonist (allegazzjoni li ma gietx pruvata) u promotur tal-consortium li ghandu l-ishma fl-MIA. Qarrej ordinarju m'hu se jaddebitalhom l-ebda ekwivocita` li kapaci jinftehmu xort'ohra minn kif fil-kuntest taghhom logikament jinftehmu u jfissru, u fil-fatt kien ghalhekk li l-Ambaxxatur Awstrijaku baghat l-ittra inkriminanti lill-attur u mhux lil Paul Apap Bologna, lis-socjeta Franks Travel Retail Limited jew lill-MIA.

19. Inoltre, kif inhu risaput, *"The meaning in which the defendant intended the words to be understood, though material on the question of damages, is immaterial in determining whether the words are defamatory or not. The question is not what the defendant intended, but what reasonable men, knowing the circumstances in which the words were published, would understand to be the meaning."*[8]

20. Di piu, biex tinghata kredibilita lill-allegazzjoni ta' *insider trading* u nepotizmu mill-attur, l-konvenuti fl-ittra jghidu wkoll: *"Indeed the registered address of Franks Travel Retail is the same address as that of Mr Michael Bianchi"* – allegazzjoni li l-konvenut Raymond Aquilina stess ammetta fix-xhieda tieghu fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2011 – li kienet allegazzjoni zbaljata, ghax is-socjetajiet huma registrati fl-istess triq, pero mhux fl-istess fond. Mill-atti ma jirrizultax jekk il-konvenuti irrealizzawx b'dan l-"izball" qabel jew wara li nbdew dawn il-proceduri. Pero fi kwalunkwe kaz, huwa sinifikanti il-fatt, li l-konvenuti qatt ma kitbu lill-Ambaxxattur tal-Awstrija biex ghall-inqas jikkoregu dan l-izball, li l-konvenut Aquilina jghid li kien genwin, minkejja li

[8] **Gatley on Libel and Slander** Sweet & Maxwell (London), 1981 (Eighth Edition), para. 89, page 89, iccittat b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Perit Joseph Boffa vs John A. Mizzi** deciza fil-21 ta' Gunju 2005.

kienu jafu li l-attur kien ihossu ingurjat bl-ittra in kwistjoni, u li kien istitwixxa dawn il-proceduri ta' libell.

21. Konsegwentement, mill-provi prodotti quddiemha, din il-Qorti ma tistax hlief tikkonkludi li dak li kitbu l-konvenuti kien malafamanti fil-konfront ta' l-attur, stante li attribwielu komportament illecitu u nepotizmu.

*Il-Likwidazzjoni tad-Danni*

22. Fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni, din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li mill-provi jirrizulta li l-ittra inkriminanti intbaghtet biss lill-Ambaxxatur tal-Awstrija, u ma nghatat l-ebda pubblicita ohra. Minkejja din l-ittra, l-attur xorta baqa' jokkupa l-kariga tieghu ta' Konslu Generali ta' l-Awstrija. Fl-affidavit tieghu l-imputat jghid li apparti direttorati li ghandu f'diversi socjetajiet li jiffurmaw parti min-negozju tal-familja tieghu, maghruf bhala il-Bianchi Group, huwa ukoll direttur u konsulent ta' diversi kumpaniji internazzjonali globali, fosthom uhud li huma registrati fuq kambji internazzjonali. Pero mill-atti jirrizulta li l-attur huwa direttur ta' tlett socjetajiet tal-Bianchi Group,[9] u ma tressqux provi li hu direttur ta' xi socjetajiet ohra, wisq inqas socjetajiet internazzjonali.

23. Ghalhekk ma jirrizultax li l-attur sofra xi dannu ekonomiku, la personali u lanqas fil-kariga diplomatika tieghu. Min-naha l-ohra, il-konvenuti ma kellhomx jippruvaw itappnu l-unur u r-reputazzjoni tal-attur mal-Ambaxxatur tal-Awstrija b'allegazzjonijiet skorretti u li ma humiex sorretti mill-provi.

**Konkluzjoni**

24. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda:

    1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni ulterjuri sollevata fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti;

[9] Ara fol. 54 sa 112 tal-process.

2. Tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti;

3. Tilqa' t-talba tal-attur, u filwaqt li tiddikjara li siltiet mill-ittra datata 19 ta' Gunju 2003 miktuba mill-konvenuti, huma libelluzi u malafamanti fil-konfront tal-attur, tikkundanna lill-konvenuti, ai termini tal-Artikolu 28 tal-Att dwar l-Istampa (Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-Artikolu 25 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta), ihallsu lill-konvenut is-somma ta' elf Euro (€1000), bl-imghaxijiet legali dekoribbli mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-konvenuti.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**